IL-ĦAJJA f'Għawdex

SUPPLIMENT SPEĊJALI B'TIFKIRA TAŻ-ŻJARA TAL-PAPA BENEDITTU XVI F'MALTA
17-18 T'APRIL 2010



"jeħtieġ iżda li naslu fi gżira" Att 27,26

# Benedittu XVI F'Malta

*Ilqajnih u Ħabbejnih!*



# Il-Vigarju ta' Kristu fostna!

*It-tħejjija u s-sehem tal-Għawdxin fi żjara oħra storika tal-Papa f'pajjiżna*



kitba ta'
**Dun GIOVANNI CURMI**

*Ritratti: Ivana Farrugia, Stephen Camilleri u Richard Grech*

**Kienet xewqa ta' ħafna li matul is-Sena Pawlina, li ċċelebrajna bejn l-2008 u l-2009, il-Papa jżur lil Malta. Saħansitra l-Isqfijiet tagħna kienu ressqu talba lill-Papa! Kienet sena li għalina l-Maltin u l-Għawdxin kellha tifsira speċjali, għax għalina San Pawl hu l-Appostlu li nissilna fil-fidi. F'Għawdex ippruvajna niċċelebraw din is-sena speċjali permezz tal-Missjoni Djoċesana.**

Ix-xewqa li nilqgħu fostna lill-Papa seħħet tassew fis-17 u t-18 ta' April! Kien l-E.T. Dr George Abela, il-President ta' Malta li, waqt l-ewwel żjara tiegħu statali barra minn Malta, stieden lill-Papa biex jiġi jżurna fl-okkażjoni tal-1950 sena mill-ġrajja tan-Nawfraġju ta' San Pawl fuq xtutna. Din it-talba mbagħad tennewha mill-ġdid l-isqfijiet tagħna f'ittra li bagħtu lill-Papa. Fit-30 ta' Novembru 2009 il-Papa wieġeb lill-President fejn urieh li kien laqa' l-istedina u aċċetta li jiġi jżur lil Malta. F'dik l-ittra tiegħu l-Papa qal: *"In reply, I am pleased to welcome your invitation and, as I do so, I would like to express again my affection for the people of Malta. I look forward to joining them as they commemorate this important anniversary of Saint Paul's arrival on their shores. The solemn recollection of that momentous occasion will surely afford the Maltese people, and indeed the whole Catholic world, a most fruitful opportunity to reflect upon and to deepen their Christian faith."*



Wara li għal darbtejn ilqajna fostna lill-Papa Ġwanni Pawlu II, din id-darba bi ħġarna lqajna' fostna lil Benedittu XVI. Il-ġrajja taż-żjara tal-Papa fostna ma kinitx biss ġrajja li timlina b'ferħ u kburija u li nizżlet isem Malta fl-aħbarijiet internazzjonali, imma kienet fuq kollox ġrajja ta' fidi għall-Knisja f'Malta u Għawdex. Kif kien stqarr l-istess Papa, din il-ġrajja kellha tkun okkażjoni biex nirriflettu fuq u ninżlu aktar fil-fond tal-fidi Nisranija.

Iż-żjara tal-Papa ntrabtet ma' ġrajja fundamentali fl-istorja tal-poplu tagħna: in-nawfraġju ta' San Pawl fostna fis-sena 60 WK. Din hi ġrajja unika li mmarkat l-istorja ta' pajjiżna għal dawn l aħħar elfejn sena. Hi ġrajja ta' fidi, fidi fi Kristu mejjet u rxuxtat li tiegħu San Pawl sar il-qaddej per eċċellenza. Hemm tama qawwija li ċ-ċelebrazzjoni ta' din il-ġrajja, kienet mument biex aħna l-Insara nħossu li l-Mulej qiegħed mill-ġdid ikellimna. X'don qed joffri lill-poplu tagħna u x'qed jitlob mill-Knisja tiegħu f'pajjiżna?



**Motto: "Jeħtieġ iżda li naħbtu ma' gżira" (Att 27,26)**

Malli kienet ingħatat l-aħbar taż-żjara tal-Papa, kien twaqqaf kumitat interdjoċesan biex jieħu ħsieb it-tħejjija għaż-żjara tal-Papa, kemm mill-aspett organizzattiv (u dan f'kollaborazzjoni sħiħa mal-kumitat imwaqqaf min-naħa tal-Gvern) kif ukoll mill-aspett pastorali. Meta tkun imdaħħal fit-tħejjija ta' ġrajja ta' dan il-livell tinduna x'organizzazzjoni kbira hi meħtieġa, ħidma li bosta drabi wieħed anqas jinduna biha.

Da parti tal-Knisja ħsibna biex nagħżlu motto tal-okkażjoni. Fuq xewqa tal-isqfijiet tagħna, għażilna l-frażi "Jeħtieġ iżda li naħbtu ma' gżira", silta mill-Atti tal-Appostli fejn hu rrakkontat il-vjaġġ ta' San Pawl li wasslu fi gżiritna. Din il-frażi mhijiex biss dettall storiku, imma tindika l-intervent ta' Alla fl-istorja tal-bniedem, intervent li dejjem irid iwassal biex il-bniedem jagħmel esperjenza tal-imħabba salvifika ta' Alla.

Fl-għażla tal-motto l-kumitat organizzattiv ipprova joħroġ tliet orjentamenti pastorali:







1. iċ-ċelebrazzjoni tal-ġrajjiet tal-istorja tal-bniedem, meta jiltaqgħu ma' Alla jsiru storja ta' salvazzjoni. Aħna nħarsu lejn il-ġrajja ta' San Pawl fuq xtutna bħala intervent straordinarju ta' Alla fl-istorja ta' ġensna: Alla tassew jidħol fl-istorja tagħna, għax Alla hu qrib il-bniedem, mhux biss fil-passat iżda wkoll fil-preżent u fil-futur. Din hi l-istqarrija tal-fidi tagħna. Permezz ta' San Pawl, Alla daħal fl-istorja tagħna permezz tar-rivelazzjoni ta' Kristu mwassla lilna bil-predikazzjoni ta' Pawlu, u aħna dħalna fl-istorja salvifika mwettqa minn Kristu bil-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet. Din hi l-istess fidi li aħna niċċelebraw illum u li rridu nittrażmettu lill-ġenerazzjoni ta' għada.
2. Fit-tliet xhur li San Pawl dam fostna huwa poġġa l-pedamenti biex titwaqqaf il-komunità Nisranija f'pajjiżna, il-Knisja. Lil hemm mill-istudji meħtieġa tal-istorja dwar kif bdiet u żviluppat il-Knisja f'pajjiżna, aħna rridu nirriflettu fuq xi jfisser li nkunu Nsara, dixxipli ta' Kristu u membri ħajja tal-Knisja. Matul din is-sena pastorali, il-Pjan Pastorali Djoċesan qed jagħmel enfasi fuq il-formazzjoni Nisranija tal-poplu tagħna, speċjalment il-formazzjoni tal-adulti. Saru u qed isiru sforzi pastorali biex aktar Insara adulti jħossu s-sejħa u l-ħtieġa li jinżlu aktar fil-fond tal-fidi Nisranija permezz ta' mixja kontinwa fil-fidi u ta' approfondiment tal-istess fidi (katekeżi) imdawwal mill-Kelma ta' Alla. Din hi l-"isfida" pastorali li nħossu li qed tagħmlilna t-tifkira tal-ġrajja tan-Nawfraġju. "Per evangelium ego vos genui" ("Jien nissiltkom permezz tax-xandir tal-Aħbar it-Tajba), jikteb San Pawl lill-Insara ta' Korintu (1 Kor 4,15). Dan il-kliem jgħodd b'mod speċjali għalina l-Maltin u l-Għawdxin, "mgħammda" fil-Kelma li Pawlu xandrilna.



3. Barra t-tiġdid u t-tisħiħ tal-komunità Nisranija, aħna l-Insara msejħin biex "inkomplu l-vjaġġ lejn Ruma", kif għamel San Pawl biex ikompli jagħti xhieda għal Kristu. Dan ifisser li l-komunità Nisranija f'pajjiżna trid tkun komunità li tevanġelizza, li tasal għand il-bniedem u twassallu l-aħbar tal-imħabba t'Alla li ssalva. Forsi qatt daqs illum m'aħna konxji ta' kemm hawn bżonn, f'pajjiżna stess, ħidma ta' evanġelizzazzjoni! Anke minn dan l-aspett jitkellem il-Pjan Pastorali Djoċesan, speċjalment meta jsemmi l-pastorali tal-"periferija".

Veru li żjara ta' Papa ma sseħħx ta' kuljum, u għalhekk l-aspett ċelebrattiv forsi jieħu s-sopravvent. Imma ż-żjara tal-Papa għandha titqies, u tibqa' meqjusa, bħala "sinjal", "messaġġ" li jrid jindikalna aħjar it-triq tagħna bħala Knisja.



## Is-sehem tal-Għawdxin

Meta konna smajna li l-Papa ġej Malta, naħseb li konna ħafna aħna l-Għawdxin li ħsibna: "tgħid jiġi Għawdex il-Papa?" Din il-mistoqsija tqanqlet iżjed meta minflok ġurnata, iż-żjara tal-Papa ġiet mifruxa fuq jumejn. L-Isqof tagħna għamel talba formali biex fil-programm tiġi nkluża żjara f'Għawdex, u t-talba tal-Isqof tressqet ukoll mill-Kumitat Ċentrali. Iżda fid-dawl tal-ftit ħin li l-Papa kien se jgħaddi f'pajjiżna, għal dawk responsabbli mill-vjaġġi tal-Papa deher li żjara f'Għawdex din ma kinitx realizzabbli. Ħafna drabi nirraġunaw li miġja sa Għawdex tal-Papa, ma kinitx se ttellef ħafna ħin mill-programm tal-Papa, imma meta wieħed jara mill-qrib x'ikun involut fl-organizzazzjoni, wieħed jifhem li mhux daqshekk sempliċi daqskemm wieħed seta' ħaseb. Madankollu, dan ma naqqas xejn għax aħna l-Għawdxin konna parti sħiħa



kemm fit-tħejjija u fl-organizzazzjoni taż-żjara kif ukoll fil-laqgħat li l-Papa kellu mal-popolazzjoni.

Barra l-preżenza fil-Kumitat Organizzattiv Ċentrali, wieħed ma jridx jinsa li l-awtur tal-logo uffiċjali kien taż-żagħżugħ Għawdxi Mario Abela mir-Rabat, li l-kant waqt il-quddiesa fuq il-Fosos tmexxa mis-Surmast John Galea bis-sehem ta' tfal u adulti Għawdxin fil-kor, u anke l-orkestra u l-kor taż-żgħażagħ tmexxew minn Dorienne Portelli, bis-sehem ta' numru sabiħ ta' żgħażagħ Għawdxin.

fl-arena ta' fuq l-Għolja ta' Għammar, fi tmiem il-Via Sagra Djoċesana tal-Ħadd 21 ta' Marzu, huwa kien qal li fi tmiem il-quddiesa fuq il-Fosos tal-Furjana, il-Papa kien se jagħti warda tad-deheb lill-Madonna Ta' Pinu, għożża tal-poplu Għawdxi u Malti! Għal dan il-għan kien ġie deċiż li l-kwadru mirakoluż tal-Madonna Ta' Pinu jittieħed Malta. Fil-fatt, nhar il-Ħadd, 18 ta' April, il-kwadru tal Madonna Ta' Pinu kien espost għall-qima tal-Insara waqt il-quddiesa tal-Papa fuq il-Fosos tal-Furjana. Din l-offerta



## Tħejjija Pastorali

Ippruvajna nagħtu importanza wkoll lit-tħejjija pastorali ta' din il-ġrajja. Peress li ż-żjara tal-Papa seħħet fit-tielet Ħadd tal-Għid, dritt wara ż-żmien tar-Randan, ħsibna li ż-żmien tar-Randan u ċ-ċelebrazzjonijiet djoċesani jieħdu bixra ta' tħejjija għal din iż-żjara, bħalma kienet il-proposta tal-eżerċizzi tar-Randan mibnija fuq il-katekeżi Pawlina tal-Papa, il-pellegrinaġġ penitenzjali fil-bidu tar-Randan, il-Vġili tan-Nawfraġju ta' San Pawl, il-Via Sagra fuq l-Għolja ta' Għammar. Qassamna talb fil-familji u talba qabel il-barka sagramentali b'rabta mal-ittri ta' San Pawl. Minn Malta rċevejna sussidju għas-saċerdoti, b'tagħlim meħud mid-diskorsi u l-ittri tal-Papa. Peress li matul din is-sena l-Knisja qed tiċċelebra wkoll Sena Saċerdotali speċjali, rajna kif il-laqgħat għalina s-saċerdoti jieħdu wkoll timbru ta' tħejjija għaż-żjara tal-Papa.

Nhar il-Ġimgħa, 9 ta' April, ħafna Għawdxin ħadu sehem fil-pellegrinaġġ Pawlin interdjoċesan (jiġifieri, ngħaqdu flimkien id-djoċesi ta' Malta u Għawdex) mill-Mosta għal San Pawl il-Baħar.

## Il-kwadru tal-Madonna ta' Pinu

Fil-messaġġ li Mons. Isqof Mario Grech kien għamel

tal-warda tad-deheb lill-Madonna Ta' Pinu hija ġest li sa mill-antik il-Papiet kienu jagħmlu lil Irġejjen Kattoliċi u lil Santwarji Marjani kbar. Dan kien motiv ta' ferħ mhux biss għalina l-Għawdxin, imma għad-devoti kollha tal-Madonna Ta' Pinu biex iż-żjara tal-Papa tibqa' minquxa f'qalbna u n-nar ta' fidi li tkebbes jibqa' jħaġġeġ.

Il-kwadru mirakulużtal-Madonna Ta' Pinu nġieb lura Għawdex, nhar il-Ġimgħa, 23 ta' April. Dakinhar, id-devoti Maltin u Għawdxin tal-Madonna Ta' Pinu ħadu sehem f'pellegrinaġġ nazzjonali, immexxi mill-Isqfijiet u min-Nunzju Appostoliku. U hekk iż-Żjara Appostolika tal-Papa Benedittu XVI f'pajjiżna ntemmet b'quddiesa ta' radd il-ħajr fis-Santwarju Ta' Pinu.



# Iż-Żgħażagħ Tagħna Madwar il-Papa

*messaġġ ta' merħba lill-*
QT PAPA BENEDITTU XVI
*minn* MONS. MARIO GRECH, *Isqof ta' Għawdex*
fil-Valletta Waterfront

**Santità,**

**Nagħtik merħba f'isem dawn iż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin li huma l-għożża tagħna bħala Knisja u bħala Nazzjon! Huma l-aqwa riżorsa li għandna għax huma l-preżent u l-ġejjieni tagħna. Il-preżenza numeruża tagħhom hawnhekk illejla timliena bit-tama, imma fl-istess ħin tfakkarna x'responsabbiltà għandna lejhom, għax tkun tassew ħasra jekk il-mistoqsijiet li hemm fi qlubhom ma jiġux indirizzati tajjeb.**



Il-preżenza ta' tant żgħażagħ għal din il-laqgħa speċjali miegħek bħala l-Vigarju ta' Kristu fid-dinja hija konferma li f'qalbhom hemm mistoqsija reliġjuża: "Mgħallem tajjeb, x'għandi nagħmel biex niret il-ħajja ta' dejjem?" (Mk 10,17). Għalkemm għal ħafna f'pajjiżna 'l-eredità patrimonjali hija materja ta' importanza massima, tant li taf tkun kawża ta' ħafna tensjonijiet fil-familji, żgur li m'għadux iż-żmien li l-fidi Nisranija tgħaddi b'mod awtomatiku minn ġenerazzjoni għal oħra. Anke jekk it-trasmissjoni tal-fidi mill-ġenituri għall-ulied jew minn komunità ekkleżjali għal oħra jibqalha l-valur tagħha, huwa fatt pożittiv li kull ma jmur l-għażla favur Alla qed tkun frott ta' tfittxija u għażla personali. Huwa fatt li f'din it-tfittxija reliġjuża, xi wħud miż-żgħażagħ tagħna sabu ruħhom fi proċess ta' "migrazzjoni spiritwali" kontinwa. L-għatx tagħhom għal Alla jwassalhom biex jgħaddu minn esperjenza spiritwali għal oħra, li għalkemm tista' toffrilhom emozzjonijiet ġodda, xorta ma taqtalhomx dan il-għatx! Barra minn hekk, fenomenu ieħor f'din it-tfittxija reliġjuża taż-żgħażagħ hu l-firda bejn reliġjożità u etika – donnu qed tissaħħaħ l-fehma li t-twemmin reliġjuż huwa biss sentiment biex wieħed iħossu sewwa u mhux vjaġġ interjuri, spiritwali u etiku, li jwassal biex il-bniedem jagħmel lilu nnifsu aħjar f'relazzjoni m'Alla u ma' ħutu l-bnedmin!

Għalhekk, illum, aktar minn qatt qabel, hija f'postha l-mistoqsija li jagħmel iż-żgħażugħ għani tal-Vanġelu: "Mgħallem tajjeb, x'għandi nagħmel biex niret il-ħajja ta' dejjem?"





Santità, filwaqt li nassigurak li din il-ġenerazzjoni żagħżugħa għandha attitudni pożittiva lejn il-ħajja bħal dik murija mir-raġel għani li resaq quddiem Ġesù, u li l-mistoqsijiet tagħhom huma ġenwini, jista' jkun li xi wħud miż-żgħażagħ jeħtiegu support u akkumpanjament aktar minn oħrajn, għaliex:

- bħaż-żagħżugħ għani, jista' jkun li xi wħud qed iserrħu rashom għax huma osservanti tal-liġi u r-regoli ritwali u mhumiex lesti li jħobbu lill-proxxmu u lil Alla anke jekk dan jiswilhom prezz għoli. F'każijiet bħal dawn, hemm ir-riskju li t-twemmin aktar ixaqleb lejn reliġjożità vojta, kultura u tradizzjoni milli bħala għażla ta' ħajja;
- bħaż-żagħżugħ għani, maħkuma mill-kultura materjalista u mill-pressjoni li qed toħloq is-sistema ekonomika ta' żminijietna, xi wħud qed ikollhom diffikultà jagħmlu għażliet li jassigurawlhom "teżor fis-sema";
- bħaż-żagħżugħ għani, peress li l-bniedem huwa mimli bih innifsu u jaħseb li bil-ħiliet tiegħu biss kapaċi jfendi għal rasu, xi wħud mhux lakemm jifhmu li għandhom iħallu lil Alla jitfa' l-ħarsa ta' mħabbtu fuqhom, jintelqu f'idejH, jafdaw fiH u bħal San Pawl jistqarru li l-imħabba t'Alla ssuqhom.

"Mgħallem tajjeb" [Santità], minkejja kollox dawn iż-żgħażagħ, mimlija bil-ħajja, jixtiequ minn għandek kelma li tgħinhom jgħixu ħajja tassew dinjituża. Sfortunatament ġieli jqegħedu l-fiduċja tagħhom f'għalliema oħra, għax jemmnu li dawn jistgħu joffrulhom ir-riċetta ta' ħajja sabiħa; imma ħafna drabi jiġu mqarrqin.

Għalkemm huwa evidenti li hemm min għandu interess li jisirqilna l-fiduċja li għandna fik, Santità, aħna nemmnu li inti għandek "il-kliem tal-ħajja ta' dejjem", għax int tlaqqagħna mal-"Kelma" li saret laħam – ma' Ġesù Kristu li lest jitfa' ħarsa ta' mħabba fuqna lkoll. Kif inti tgħid fl-ewwel enċiklika li tajtna, "*being Christian is not the result of an ethical choice or a lofty idea, but the encounter with an event, a person, which gives life a new horizon and a decisive direction*" (*Deus caritas est*, n.1).

Mgħallem tajjeb, x'għandna nagħmlu biex *nirtu* l-ħajja ta' dejjem?






Life Protection

For more information call **2380 2380**, click on **hsbc.com.mt** or come in **to your local branch.**

HSBC Insurance
Insuring your emotions

HSBC Life Assurance (Malta) Ltd is part of the HSBC Insurance Group and is authorised to carry on long term business of insurance in Malta and is regulated by the Malta Financial Services Authority under the Insurance Business Act 1998.

*Approved and issued by HSBC Life Assurance (Malta) Ltd., 80, Mill Street, Qormi QRM3101.*